Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,304, 27 ta' Awwissu, 2024
Taqsima B

A.L. 199 tal-2024

ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI (KAP. 439)

Regolamenti tal-2024 dwar iż-Żamma ta'Annimali f'Żoos

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 7(2) u 8 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-Ministru responsabbli għas-Servizzi Veterinarji, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, bidu fis-seħħ, għan, applikabbiltà u perjodu tranżitorju.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 dwar iż-Żamma ta' Annimali f'Żoos.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

(3) L-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti huma:

(a) sabiex tiġi trasposta u tiġi implimentata d-Direttiva tal-Kunsill 1999/22/KE tad-29 ta' Marzu 1999 dwar iż-żamma ta' annimali selvaġġi fiż-żoo;

(b) sabiex jipproteġu l-fawna selvaġġa u tiġi kkonservata l-bijodiversità billi jipprovdu għal-liċenzjar, ir-reġistrazzjoni u l-ispezzjoni ta' żoos fit-territorju ta' Malta bil-għan li jissaħħaħ ir-rwol taż-żoos fil-konservazzjoni tal-bijodiversità;

(ċ) sabiex jipproteġu s-saħħa u l-benesseri tal-annimali; u

(d) sabiex jipproteġu lill-pubbliku minn dawn l-annimali.

(4) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal:

(a) detenturi tal-liċenzja ta' żoo;

(b) żoos li ma jkunux liċenzjati skont dawn ir-regolamenti u dan limitatament għall-finijiet ta' infurzar;

(ċ) annimali li jinsabu f'żoo liċenzjat jew li jinsabu fi kwalunkwe sit li qiegħed jiġi operat bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti.

(5) Kwalunkwe ċirkostanza oħra mhux koperta minn dawn ir-regolamenti għandha tkun regolata mir-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikolużi. L.S. 439.19.

(6) Iż-żoos eżistenti liċenzjati qegħdin jingħataw perjodu tranżitorju ta' sena (1) mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont r-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

2. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u sakemm il-kuntest ma jeħtieġx xort'oħra, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

Kap. 439.

"annimal" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att;

"annimal eżotiku" tfisser annimal li mhux indiġenu għat-territorju ta' Malta u li mhux imrobbi jew imnissel b'mod regolari bħala annimal tal-irziezet f'Malta;

"annimal perikolużż" tfisser kwalunkwe speċi ta' annimal kif speċifikat fl-Iskeda;

"annimal selvaġġ" tfisser animal li għandu l-fenotip mhux affetwat mill-għażla tal-bniedem u jgħix b'mod indipendenti mis-superviżjoni diretta jew il-kontroll tal-bniedem;

"annimal selvaġġ miżmum fil-magħluq" tfisser annimal b'fenotip mhux affetwat b'mod sinifikanti mill-għażla tal-bniedem, iżda li jgħix fil-magħluq jew xort' oħra jgħix taħt is-superviżjoni diretta jew il-kontroll tal-bniedem, inkluż annimali taż-żoo u annimali domestiċi;

"applikant" tfisser persuna li għandha l-intenzjoni li timmaniġġja, torganizza, twaqqaf jew topera żoo;

Kap. 439.

"Att" tfisser l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali;

"detentur tal-liċenzja" tfisser persuna li għandha liċenzja ta' żoo skont dawn ir-regolamenti.

"Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għas-Servizzi Veterinarji u tinkludi, limitatament għall-funzjonijiet mogħtija, kwalunkwe uffiċċjal pubbliku hekk awtorizzat mid-Direttur fir-rigward ta' kwalunkwe mill-għanijiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti;

"magħlaq" tfisser kwalunkwe spazju magħluq li fih għandu jinżamm annimal skont dawn ir-regolamenti;

"Malta" tfisser il-gżira ta' Malta u l-gżejjer kostituttivi kollha tagħha;

"kirurgu veterinarju" tfisser kwalunkwe kirurgu veterinarju awtorizzat sabiex jipprattika l-professjoni veterinarja skont l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u kuntrattat mid-detentur tal-liċenzja bħala l-persuna responsabbli sabiex iħejji u jissorvelja programm ta' mediċina veterinarja u, jew kirurġija u għas-saħħa tal-annimali miżmuma fuq is-sit; Kap. 437.

"programm ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali" tfisser il-programm ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali kif stabbilit fir-regolament 79(2) tar-Regolamenti dwar Prodotti Mediċinali Veterinarji; L.S. 439.47.

"razza miżmuma fil-magħluq" tfisser annimal mgħammar barra mill-ambjent naturali tiegħu f'kundizzjonijiet ristretti bħal irziezet, żoos jew faċilitajiet magħluqa oħra;

"reġistru" tfisser ir-Reġistru ta' Annimali Perikolużi f'Żoos li għandu jinżamm mid-Direttur u li għandu jinkludi lista tal-annimali perikolużi kollha misjuba fl-Iskeda u miżmuma f' żoo liċenzjat;

"trobbija fil-magħluq" tfisser annimal imrobbi barra mill-ambjent naturali tiegħu f'kundizzjonijiet ristretti bħal irziezet, żoos jew faċilitajiet oħra magħluqa;

"żoo" tfisser l-istabbilimenti permanenti kollha fejn jinżammu annimali perikolużi, eżotiċi u, jew selvaġġi għall-wiri lill-pubbliku kemm jekk jitħallas jew ma jitħallasx id-dritt għad-dħul, bl-eċċezzjoni ta' pet shops:

Iżda d-Direttur jista' jagħti eżenzjonijiet mir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti b'konsiderazzjoni xierqa għal-linji gwida li jistgħu jiġu ppublikati mid-Direttur, skont in-numru u l-ispeċi tal-annimali inkwistjoni u skont l-assessjar tar-riskju, sakemm l-eżenzjoni ma tippreġudikax l-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Sakemm il-kuntest ma jeħtieġx xort' oħra, il-kliem u l-frażijiet li jintużaw f'dawn ir-regolamenti u li mhumiex hawnhekk definiti għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att.

3. (1) L-ebda persuna ma għandha timmaniġġja, torganizza, twaqqaf jew topera żoo mingħajr liċenzja. Liċenzjar ta' żoo.

(2) Kwalunkwe persuna jew entità li taqa' fl-ambitu tal-applikazzjoni tas-subregolament (1) jew li jkollha l-intenzjoni li timmaniġġja, torganizza, twaqqaf jew topera żoo għandha tapplika lid-Direttur għal-liċenzja permezz tal-formola idoneja kif tista' tinħareġ

mid-Direttur.

Kundizzjonijiet oħra għall-ħruġ ta' liċenzji.

4. (1) Id-detentur tal-liċenzja ma għandu fl-ebda waqt ikollu aktar minn liċenzja waħda (1).

(2) Liċenzja ta' żoo maħruġa skont dawn ir-regolamenti għandu jkollha validità ta' sena (1) mid-data ta' meta inħarġet:

Iżda detentur tal-liċenzja li fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti qiegħed jimmaniġġja jew jopera żoo għandu japplika sabiex iġedded il-liċenzja taż-żoo fi żmien sena (1) mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti u wara għandu jġedded l-liċenzja tiegħu fuq bażi annwali.

(3) Kopja tal-liċenzja u, jew tal-liċenzja mġedda għandha titqiegħed f'post prominenti fid-daħla prinċipali taż-żoo u n-numru tal-liċenzja għandu dejjem jiġi inkluż fi kwalunkwe materjal promozzjonali maħruġ miż-żoo u, jew minn kwalunkwe partijiet terzi li jippromwovu u, jew jirreklamaw iż-żoo.

(4) L-applikazzjoni għat-tiġdid ta' liċenzja ta' żoo jew għall-ħruġ ta' liċenzja għandha timtela kif suppost u tintbagħat lid-Direttur fuq il-formola idoneja. Din l-applikazzjoni għandha tiġi approvata minn kirurgu veterinarju qabel ma' tiġi pproċessata għall-kunsiderazzjoni mid-Direttur.

(5) Annimali perikoluż li jinsabu f'żoo qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti għandhom jiġu rreġistrati fir-reġistru wara li d-Direttur jikkonferma li l-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali u tat-trobbija xierqa huma sodisfatti.

(6) L-applikanti u d-detenturi tal-liċenzja għandhom jissottomettu d-dettalji kollha meħtieġa lid-Direttur fuq il-formola idoneja, inkluż iżda mhux limitat:

(a) għall-mezzi irriversibli tal-identifikazzjoni tal-annimali skont r-regolament 6;

(b) għall-adegwatezza tas-sit u l-magħlaq tal-annimali skont dawn ir-regolamenti;

(ċ) għall-miżuri li għandhom jittieħdu mill-applikant jew mid-detentur tal-liċenzja sabiex jassigura s-sigurtà u l-benesseri tal-annimal u tal-pubbliku ġenerali, inklużi faċilitajiet tal-ewwel għajnuna għall-viżitaturi;

(d) għall-permessi kollha kif jista' jkun meħtieġ minn kwalunkwe awtorità governattiva jew nazzjonali u prova tal-

konformità tagħhom;

(e) kwalunkwe dettall jew dokument ieħor li jistgħu jiġu mitluba mid-Direttur minn żmien għal żmien u ppubblikati fil-Gazzetta permezz ta' avviż tal-Gvern;

(f) l-informazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni kollha dwar it-taħriġ miżmuma mid-detentur tal-liċenzja, il-kuntratturi u l-persunal involut fit-trattament ta' annimali selvaġġi u perikoluż:

Iżda d-Direttur jista' fid-diskrezzjoni tiegħu joħroġ, minn żmien għal żmien, lista ta' rekwiżiti minimi ta' taħriġ għall-persuni kollha li jimmaniġġjaw annimali taż-żoo, inklużi iżda mhux limitati għall-ewwel għajnuna tal-annimali, l-użu ta' tagħmir ta' trażżin, l-użu ta' pistoli trankwillanti u tagħmir, inkluż it-tip u d-dożaġġ tal-kalmanti li għandhom jintużaw. Din il-lista għandha tiġi ppubblikata fil-Gazzetta permezz ta' avviż tal-Gvern;

(g) għad-dettalji u l-informazzjoni kollha b'rabta mal-persunal u l-kuntratturi involuti fil-ġestjoni tal-annimali taż-żoo:

Iżda kwalunkwe tibdil fil-membri tal-persunal jew tal-kuntrattur taż-żoo involuti fil-ġestjoni tal-annimali, għandu jiġi nnotifikat bil-miktub lid-Direttur fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn tali bidla, u tali notifika għandha tinkludi d-dettalji u l-informazzjoni kollha dwar il-persunal jew il-kuntrattur ġdid taż-żoo:

Iżda wkoll id-Direttur jista' jitlob fi kwalunkwe ħin mingħand l-applikant jew id-dententur tal-liċenzja, kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra jew dokumenti addizzjonali, li jistgħu jitqiesu meħtieġa għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali li tappartjeni lill-persuni fiżiċi għandu jkun f'konformità mal-prinċipji tal-ipproċessar tad-data personali skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/679.

(7) Id-Direttur jista' jirrifjuta applikazzjoni minn applikant u, jew għat-tiġdid tal-liċenzja taż-żoo għal kwalunkwe raġuni li huwa jista' jqis raġonevoli u b'mod partikolari għal raġunijiet relatati mas-saħħa jew il-benesseri tal-annimali u s-sigurtà tal-pubbliku ġenerali.

(8) Id-Direttur jista' jilqa' biss applikazzjoni minn applikant jew iġedded applikazzjoni għal-liċenzja ta' żoo wara li jitħallsu d-drittijiet rilevanti kif stabbiliti fir-Regolamenti dwar id-drittijiet li jitħallsu għaż-Żamma ta' Annimali f'Żoos, u fejn ikun sodisfatt li l-applikant u, jew id-detentur tal-liċenzja, skont kif ikun il-każ, u l-

A.L. 200 tal-2024.

membri tal-persunal jew tal-kuntrattur taż-żoo li jittrattaw l-annimali:

(a) għandhom għarfien suffiċjenti u, jew l-esperjenza tagħhom hi proporzjonata mar-responsabbiltà tagħhom;

(b) għandhom għarfien suffiċjenti dwar l-organizzazzjoni xierqa u l-operat ta' żoo, l-immaniġjar xieraq tal-annimali u jkunu kapaċi jissodisfaw l-bżonnijiet fiżjoloġiċi u ta' mġiba tagħhom għall-perjodu sħiħ taż-żamma tagħhom fiż-żoo;

(ċ) ikollhom għarfien suffiċjenti u, jew esperjenza fir-rigward tal-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jipprevjenu kwalunkwe annimal milli jaħrab, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-aggressività ta' kwalunkwe annimal u l-possibbiltà ta' riskju għas-sigurtà u s-saħħa tal-bniedem;

(d) ikunu kapaċi jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti u kwalunkwe liġijiet jew regolamenti oħra applikabbli, kif ukoll kwalunkwe kundizzjoni li tista' tiġi imposta fuqhom;

(e) ma nstabux ħatja, fi kwalunkwe ħin, ta' kwalunkwe reat li jinvolvi t-trattament ħażin tal-annimali jew kwalunkwe reat ieħor kontra l-Att u, jew ir-regolamenti magħmula taħtu:

Iżda d-Direttur jista' jippubblika linji gwida fil-Gazzetta dwar kif id-detentur tal-liċenzja jew il-membri tal-persunal jew il-kuntrattur taż-żoo li jittrattaw l-annimali għandhom jiġu vvalutati fir-rigward tal-għarfien u l-esperjenza tagħhom fir-rigward tal-ispeċi tal-annimali fiż-żoo.

(9) L-ebda annimal perikoluż elenkat fl-Iskeda ma għandu jiġi introdott f'żoo mid-detentur tal-liċenzja:

Iżda dan ir-regolament ma għandux japplika għall-introduzzjoni ta' annimal perikoluż f'żoo liċenzjat, jekk dak l-annimal perikoluż ser ikun parti minn programm ta' riċerka u konservazzjoni kif stabbilit fir-regolament 11:

Iżda wkoll dan ir-regolament ma għandux japplika għat-trasferimenti ta' annimali perikolużi minn żoo għal ieħor. Madankollu, f'dawk iċ-ċirkostanzi l-approvazzjoni tad-Direttur għandha dejjem tkun meħtieġa qabel ma jsir tali trasferiment.

(10) Id-Direttur jista' jirrifjuta l-introduzzjoni ta' annimali f'żoo għal kwalunkwe raġuni li huwa jista' jqis raġonevoli u b'mod partikolari għal raġunijiet relatati mas-saħħa jew il-benesseri tal-

annimali jew is-sigurtà tal-pubbliku ġenerali.

(11) Id-detenturi kollha tal-liċenzja ta' żoo għandhom ikunu obbligati li jkollhom kopertura tal-assigurazzjoni fuq iż-żoo kontra telf jew ħsara li potenzjalment jistgħu jiġu kkawżati lill-partijiet terzi.

(12) Id-Direttur jista' jimponi kwalunkwe kundizzjoni li jista' jqis xierqa fuq id-detentur tal-liċenzja fir-rigward tal-annimali u kwalunkwe materji rilevanti oħra li jaqgħu fl-iskop ta' dawn ir-regolamenti.

Magħlaq.

5. (1) L-annimali kollha miżmuma skont dawn ir-regolamenti għandhom jinżammu f'magħlaq adegwat u sigur li jirrispetta r-rekwiżiti fiżjoloġiċi, psikoloġiċi, ta' konservazzjoni u ta' mġiba speċifiċi u individwali tal-annimali. B'mod partikolari, il-magħlaq għandu jkun addattat għal dak li għandu x' jaqsam ma':

(a) spazju addattat għall-moviment, eżerċizzju, mistrieħ u sabiex l-annimal jesebixxi rutina normali fl-imġiba tiegħu. Id-daqs tal-magħlaq għandu jkun relatat mal-ispeċi ta' annimal li jinsab fih u skont il-linji gwida li jistgħu jiġu maħruġa mid-Direttur u ppubblikati fil-Gazzetta permezz ta' avviż tal-Gvern, li jistgħu jiġu riveduti fi kwalunkwe waqt fid-diskrezzjoni tiegħu;

(b) iġjene;

(ċ) kumditá u l-benesseri;

(d) livelli tad-dwal;

(e) kundizzjonijiet klimatiċi;

(f) miżuri u faċilitajiet ta' arrikkiment addattati, skont il-bżonnijiet u l-imġiba soċjali tal-annimal;

(g) protezzjoni tal-annimali suxxettibbli mill-ħars direct tal-pubbliku;

(h) prevenzjoni ta' kuntatt direct tal-pubbliku mal-annimali elenkati fl-Iskeda;

(i) kontroll tat-tmigħ tal-annimali mill-pubbliku.

(2) Il-magħlaq għandu jinżamm u jiġi aġġornat regolarment skont ir-rekwiżiti speċifiċi għall-ispeċi kif jista' jiġi determinat minn żmien għal żmien mid-Direttur.

(3) Il-magħlaq li fih jinżammu l-annimali għandu jkun mibni

b'materjal b'saħħtu u li jiflaħ għall-istrapazz b'mod li jillimita l-possibbiltà ta' korriment lil kwalunkwe annimal li jkun jinsab ġo fih kif ukoll il-possibbiltà li jaħarbu.

(4) Huwa biss il-persunal awtorizzat mid-detentur tal-liċenzja u dawk il-persuni notifikati lid-Direttur li għandu jkollhom aċċess għall-magħlaq.

(5) Iż-żoos li jinżammu fihom l-annimali elenkati fl-Iskeda għandhom ifasslu miżuri bil-miktub għall-prevenzjoni u l-irkupru ta' annimali maħruba. Il-persunal għandu wkoll jiġi mħarreġ fl-evakwazzjoni tal-pubbliku f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza:

Iżda fl-eventwalità li jaħrab annimal perikoluż miż-żoo, tali avvenimenti għandhom jiġu rrappurtati mid-detentur tal-liċenzja lid-Direttur, mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa mill-ħarba:

Iżda wkoll l-awtoritajiet kompetenti rispettivament responsabbli mis-sigurtà pubblika għandhom jiġu mgħarrfa malli l-annimal perikoluż jaħrab.

(6) Il-magħlaq jista', skont l-annimal li jkun qiegħed jinżamm fih jew li jkun maħsub li jinżamm fih, jiġi rikjest mid-Direttur li:

(a) jkollu kamra fuq quddiem b'sistema ta' bibien doppji li ma tkunx tista' tinfetaħ simultanjament b'bieb separat magħmul minn materjal b'saħħtu u li jiflaħ għall-istrapazz, fejn kull bieb għandu jkun jista' jissakkar faċilment mill-kustodju tal-annimali sabiex isakkar u jiftaħ b'mod faċli;

(b) jkollu mekkaniżmu li jissakkar u li mhux faċilment jinfetaħ mill-annimal;

(ċ) jinkludi sistema ta' trażżin tal-annimali kif meħtieġ għall-aċċess għall-magħlaq għat-tagħlif, it-tindif, l-għoti ta' medikazzjoni jew xort'oħra.

(7) Il-magħlaq għandu jiġi sorveljat b' sistemi tat-televiżjoni b' ċirkwit magħluq (CCTV) għal erbgħa u għoxrin (24) siegħa kuljum, sebat (7) ijiem fil-ġimgħa bir-reġistrazzjonijiet tal-ħamest (5) ijiem preċedenti jibqgħu disponibbli u aċċessibbli meta mitluba mid-Direttur, b'mod konsistenti mar-rekwiżit li jiġu aċċertati l-kundizzjonijiet tas-saħħa u l-imġiba tal-annimali.

(8) Il-magħlaq għandu jkollu dawl suffiċjenti u xieraq li jintuża biss sabiex jiġi verifikat il-benesseri tal-annimali.

(9) Il-kostruzzjoni, l-espansjoni u, jew il-modifika sostanzjali tal-magħlaq għaż-żamma tal-annimali għandhom jiġu notifikati mid-detentur tal-liċenzja lid-Direttur minn tal-inqas xahar (1) bil-quddiem.

(10) Il-magħlaq għaż-żamma tal-annimali għandu jiġi spezzjonat u approvat mid-Direttur li għandu, b'mod partikolari, jaċċerta l-adegwatezza tiegħu fir-rigward tal-kundizzjonijiet kif stipulati f'dan ir-regolament.

(11) Annimal miżmum skont dawn ir-regolamenti ma għandux jinżamm f'magħlaq differenti minn dak fejn huwa intenzjonat illi jinżamm, ħlief fejn meqjus neċessarju u bl-approvazzjoni bil-miktub minn qabel tad-Direttur:

Iżda f'każijiet ta' emerġenzi, annimal perikoluż jista' jiġi rilokat, sakemm is-sigurtà tal-pubbliku u tal-annimal ma tkunx kompromessa u d-detentur tal-liċenzja għandu jinforma lid-Direttur fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa mir-rilokazzjoni:

Iżda wkoll fejn tkun meħtieġa manutenzjoni tal-magħlaq jew kura veterinarja ta' annimal, ħlief għall-annimali perikoluži, id-detentur tal-liċenzja ma għandux għalfejn jikseb l-approvazzjoni tad-Direttur sabiex jirriloka l-annimal inkwistjoni f'magħlaq ieħor xieraq u adattat fl-istess żoo, u tali manutenzjoni ma għandhiex tieħu aktar minn ġimgħa (1) sabiex tiġi ffinalizzata, mid-data meta l-annimal jiddaħħal f'magħlaq ieħor.

(12) Is-sinjali relatati mas-sigurtà taż-żona għandhom jintwerew b'mod prominenti ħdejn kull magħlaq, speċjalment f'żoni fejn isir kuntatt dirett mal-annimali. Id-Direttur jista' fid-diskrezzjoni tiegħu, joħroġ regoli dwar il-kontenut ta' dawn is-sinjali permezz ta' avviż tal-Gvern ppublikat fil-Gazzetta.

Rekwiżiti għall-annimali.

6. (1) Id-detentur tal-liċenzja skont dawn ir-regolamenti għandu jkun responsabbli b'mod uniku u sħiħ għall-annimali kollha miżmuma fiż-żoo u għal kwalunkwe ħaġa marbuta mas-saħħa, is-sigurtà u l-benesseri tal-annimali u s-saħħa u s-sigurtà tal-pubbliku ġenerali li jżur iż-żoo.

Kap. 437.

(2) L-annimali kollha li huma meħtieġa li jiġu identifikati skont l-Att u l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, inkluż dawk l-annimali perikoluži kollha li jkunu diġà jinsabu fiż-żoo għandhom jgħaddu minn metodu ta' mezz irriversibbli ta' identifikazzjoni tal-annimali. Tali mezzi irriversibbli ta' identifikazzjoni tal-annimali għandhom ikunu fil-forma ta' tattoo, ta' tagħmir intra-kapsulari li huwa konformi mal-istandard ISO 11784, jew l-istandard ISO f'Anness A 11785, u, jew profil tad-DNA, skont liema metodu huwa l-aktar adattat għall-annimal, jew kwalunkwe mezz ieħor li d-Direttur jista', fejn meħtieġ,

iqis li huwa xieraq. Id-Direttur jista' jitlob test tad-DNA minn laboratorju akkreditat b' ISO 17025 għall-ispeċi indikati fl-Iskeda, li għandu jiġi mħallas mid-detentur tal-liċenzja.

(3) Id-detentur tal-liċenzja għandu jżomm standard għoli għat-trobbija tal-annimali bi programm dwar is-saħħa tal-annimali, in-nutrizzjoni u l-ħarsien żviluppat minn kirurgu veterinarju. Id-Direttur jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, joħroġ minn żmien għal żmien standards minimi relatati mal-faċilitajiet tas-saħħa fuq is-sit. Dawn l-istandards minimi għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta permezz ta' avviż tal-Gvern:

Iżda l-faċilità tas-saħħa tal-annimali għandha topera skont u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Liċenzjar ta' Stabbilimenti Veterinarji Privati. L.S. 437.106.

(4) L-ebda persuna ma għandha tirrilaxxa deliberatament jew tipprova tirrilaxxa annimal li jaqa' fl-iskop ta' dawn ir-regolamenti, fl-ambjent, jew xort' oħra tiddisponi minn kwalunkwe tali annimal fil-pussess tagħha sakemm dan ma jkunx debitament awtorizzat mid-Direttur.

Annimali perikoluż.

7. (1) Annimal perikoluż għandu jiġi identifikat kif elenkat fl-Iskeda ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda d-Direttur jista' jqis kwalunkwe annimal bħala annimal perikoluż.

(2) Jekk annimal ikun meqjus bħala annimal perikoluż mid-Direttur u dak l-annimal ma jkunx elenkat fl-Iskeda, id-Direttur jista' joħroġ ordni ta' emerġenza li għandu jiġi ppubblikat fil-Gazzetta u għandu jkollu effett minnufih mal-pubblikazzjoni tiegħu.

(3) Ordni ta' emerġenza għandu jkun validu għall-perjodu ta' sitt (6) xhur mid-data tal-publikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta, u għandu jkollu l-istess effett daqslikieku l-animal perikoluż kien inkluż fl-Iskeda. L-imsemmi ordni għandu jieqaf milli jkollu effett fuq l-iskadenza tal-perjodu imsemmi hawn qabel sakemm l-ordni ma jiġix imġedded.

(4) Kwalunkwe annimal perikoluż f'żoo jista' jiġi trasferit f'żoo ieħor liċenzjat jekk ikun hemm l-approvazzjoni bil-miktub minn qabel tad-Direttur:

Iżda f'każijiet ta' trasferiment jew konfiska ta' annimali perikoluż, fejn id-detentur tal-liċenzja ma jsib l-ebda żoo ieħor li jista' jospita tali annimal, id-Direttur jista' jitlob l-assistenza ta' detentur tal-liċenzja ieħor, jew jikkonfiska dak l-annimal, jew jagħmel kwalunkwe

arranġamenti oħra li hu jista' jqis meħtieġa, kemm-il darba tali arranġamenti jkunu b'osservanza tal-għanijiet stipulati fir-regolament 1(3).

(5) L-interazzjoni mal-annimali minn membri tal-pubbliku, għajr mid-detentur tal-liċenzja jew kwalunkwe membru tal-persunal jew kuntrattur involut fil-ġestjoni tal-annimali, fl-ebda każ ma għandha tkun permessa, sakemm tali interazzjoni umana ma tkunx permessa skont il-linji gwida li jistgħu jinħarġu mid-Direttur minn żmien għal żmien:

Iżda meta l-interazzjoni umana mal-annimali tkun permessa, din għandha f'kull ħin tkun sorveljata mid-detentur tal-liċenzja jew mill-persunal jew mill-kuntrattur taż-żoo u ma għandhiex tinkludi t-tmigħ ta' annimali perikoluż:

Iżda wkoll kwalunkwe interazzjoni umana permissibbli mal-annimali perikoluż għandha tkun limitata għal annimali perikoluż mrobbija skont dawn ir-regolamenti u fejn tali interazzjoni umana ma tikkompromettix il-benesseri tal-annimal u, jew ma titqiesx ta' periklu għas-saħħa u s-sigurtà ta' annimali oħra.

(6) Meta d-detentur tal-liċenzja ma jsegwix l-istruzzjonijiet u l-linji gwida kif maħruġa mid-Direttur fir-rigward tal-interazzjoni umana, id-detentur tal-liċenzja jista' jkollu l-liċenzja tiegħu revokata.

(7) Kwalunkwe annimal introdott f'żoo liċenżjat għandu jkun trabba fil-magħluq u d-dettalji kollha elenkati fir-regolament 15(2) għandhom ikunu disponibbli fuq talba tad-Direttur.

Twelid u mewt ta' annimali.

8. (1) Kwalunkwe twelid ta' ferħ ta' kwalunkwe annimal elenkat fl-Iskeda li jinsab f'żoo għandu jiġi nnotifikat lid-Direttur fi żmien erbat (4) ijiem mit-twelid permezz ta' komunikazzjoni bil-miktub mibgħuta bil-posta rreġistrata jew b'imejl:

Iżda għall-invertebrati elenkati fl-Iskeda u għall-ħut, numru approssimattiv għandu jkun biżżejjed.

(2) Il-frieħ tal-annimali elenkati fl-Iskeda u annimali oħra li jinsabu fiż-żoo għandhom jiġu identifikati u rreġistrati mad-Direttur skont l-Att, l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u skont dawn ir-regolamenti, fi żmien tliet (3) ġimgħat mid-data tat-twelid:

Kap. 437.

Iżda d-Direttur għandu jiġi notifikat bi kwalunkwe mwiet eventwali ta' frieħ ta' annimali perikoluż permezz ta' imejl fi żmien tlett (3) ijiem tax-xogħol mid-data ta' tali mewt, li jista' jwettaq spezzjoni sabiex jivverifika l-istess.

(3) Kwalunkwe mewt eventawali ta' annimali elenkati fl-Iskeda, minbarra l-imwiet ta' frieħ, għandhom jiġu nnotifikati lid-Direttur fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa permezz tal-posta rreġistrata jew b'imejl. Id-Direttur jista' jwettaq spezzjoni u, jew jordna nekroskopija, skont il-każ.

Konfiska ta' annimali.

9. Id-Direttur għandu jikkonfiska kwalunkwe annimal li kien soġġett jew li x'aktarx jista' jkun soġġett għal trattament ħażin jew li fir-rigward tiegħu twettaq jew x'aktarx ser jitwettaq reat taħt l-Att jew dawn ir-regolamenti. Il-konfiska tal-annimali tista' ssir ukoll fuq is-sit.

Karkassi tal-annimali.

10. Ir-rimi ta' karkassa ta' annimal għandu jsir f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002. Id-Direttur jista' jkun preżenti għall-qerda ta' kwalunkwe karkassa minn żoo.

Riċerka u konservazzjoni.

11. Id-Direttur għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji taħt dawn ir-regolamenti sabiex jiżgura li ż-żoos kollha jipprovdu u jimxu ma' programm komprensiv ta' mill-inqas tnejn (2) minn dawn li ġejjin:

(a) parteċipazzjoni f'riċerka li minnha jakkumulaw benefiċċji ta' konservazzjoni għall-ispeċi u l-iskambju ta' informazzjoni b'rabta mal-konservazzjoni tal-ispeċi;

(b) taħriġ fil-ħiliet relevanti ta' konservazzjoni;

(ċ) fejn xieraq, tgħammir kif stipulat fir-regolament 12;

(d) il-popolazzjoni jew l-introduzzjoni mill-ġdid ta' speċi fl-ambjent naturali tagħhom.

It-tgħammir tal-annimali.

12. (1) It-tgħammir għandu jkun permess biss wara applikazzjoni u l-approvazzjoni bil-miktub mid-Direttur. Id-detentur tal-liċenzja, wara rakkomandazzjoni magħmula mill-kirurgu veterinarju, għandu jiżgura li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-disponibbiltà ta' spazju u magħlaq xieraq sabiex tiġi evitata s-sovrapopolazzjoni;

(b) iż-żamma stabbli u sostenibbli tal-popolazzjoni tal-annimali taż-żoo;

(ċ) iż-żamma tad-diversità ġenetika u l-prevenzjoni tad-dipressjoni tat-tnissil;

(d) il-konservazzjoni tal-ispeċi;

(e) is-segwitu ta' programm ta' tnissil;

(f) il-kollaborazzjoni ma' żoo internazzjonali akkreditat jew assoċjazzjoni taż-żoo internazzjonalment akkreditata u magħrufa:

Iżda dan ir-regolament għandu japplika għall-annimali elenkati fl-Iskeda, u għal kwalunkwe speċi oħra kif identifikata mid-Direttur, li tista' tiġi ppubblikata fil-Gazzetta permezz ta' avviż tal-Gvern.

(2) Meta t-tgħammir ma jkunx approvat mid-Direttur, jeħtieġ li jiġu implimentati miżuri bħal separazzjoni fiżika bejn is-sessi u, jew metodi ormonali u, jew metodi kirurġiċi, fost oħrajn jew kwalunkwe miżura xierqa oħra, sabiex jiġi evitat it-tgħammir mhux mixtieq.

(3) Iż-żoos għandhom jippromwovu l-edukazzjoni pubblika u s-sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-konservazzjoni tal-bijodiversità, b'mod partikolari billi jipprovdu informazzjoni dwar l-ispeċi esibiti u l-abitati naturali tagħhom.

(4) Id-detentur tal-liċenzja għandu jipprevjeni l-ħarba tal-annimali, sabiex jiġi evitat theddid ekoloġiku potenzjali għall-ispeċi indiġeni, b'mod partikolari minn speċi aljeni invażivi, u l-prevenzjoni ta' intrużjoni minn organiżmi esterni u ta' annimali li jistgħu jagħmlu l-ħsara.

Fond għall-Għarfien u r-Riċerka dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali.

13. (1) Id-Direttur għandu jistabbilixxi u jamministra fond għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Fond għall-Għarfien u r-Riċerka dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali.

(2) Il-Fond għall-Għarfien u r-Riċerka dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali għandu jintuża minn istituzzjonijiet edukattivi rikonoxxuti u dan għall-finijiet ta' riċerka xjentifika, edukazzjoni, ripopolazzjoni, introduzzjoni mill-ġdid u skopijiet ta' konservazzjoni tal-annimali fiż-żoos u annimali selvaġġi oħra kif approvat mid-Direttur u skont leġiżlazzjoni oħra.

(3) L-applikant u, jew id-detentur ta' liċenzja għandu jkun soġġett għal dritt ta' kontribuzzjoni pagabbli lill-Fond għall-Għarfien u r-Riċerka dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali mal-applikazzjoni jew it-tiġdid tal-liċenzja rispettivament skont ir-Regolamenti dwar id-drittijiet li jitħallsu għaż-Żamma ta' Annimali f'Żoos: A.L. 200 tal-2024.

Iżda, jekk id-Direttur jirrifjuta applikazzjoni minn

applikant u, jew għat-tiġdid ta' liċenzja taż-żoo, id-dritt rispettiv għandu jiġi rifuż lill-applikant jew lid-detentur tal-liċenzja skont il-każ.

(4) L-ebda taxxa jew obbligu fiskali ieħor ma għandu jkun dovut għal kwalunkwe dħul jew ħlas riċevut mill-Fond għall-Għarfien u r-Riċerka dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Sustanzi u strumenti.

14. (1) Id-detentur tal-liċenzja jista' jkun meħtieġ li jżomm sustanzi partikolari, strumenti, jew kemm sustanzi kif ukoll strumenti meqjusa neċessarji sabiex jiżguraw is-sigurtà tal-annimal u tal-pubbliku ġenerali:

Iżda s-sustanzi li jeħtieġu preskrizzjoni veterinarja għandhom ikunu taħt ir-responsabbiltà tal-kirurgu veterinarju taż-żoo.

(2) Id-detentur tal-liċenzja ta' żoo li jżomm annimali perikoluż għandu jkun meħtieġ li jżomm pistola trankwillanti u, jew kwalunkwe strument jew apparat ieħor xieraq fiż-żoo bil-għan li jrażżan l-annimali. Dan l-apparat jew strument għandu jintuża biss sabiex jgħin fit-trattament ta' annimal li ma jistax jiġi mrażżan b'metodi alternattivi, jew f'każ ta' bżonn estrem meta l-annimal ma jkunx jista' jiġi kkontrollat, jew qiegħed ipoġġi lill-bniedem jew esseri oħra fil-periklu.

(3) Id-detenturi tal-liċenzja li huma meħtieġa li jżommu pistola trankwillanti, u, jew kwalunkwe strument jew apparat ieħor xieraq skont dawn ir-regolamenti, għandhom jikkonformaw mal-liġijiet u r-regolamenti relevanti kollha relatati ma' tali strumenti.

(4) Kwalunkwe sustanza psikotropika u, jew perikoluża disponibbli għad-detentur tal-liċenzja skont dawn ir-regolament għandha:

(a) tiġi akkwistata bl-approvazzjoni bil-miktub tad-Direttur wara sottomissjoni ta' formola ta' applikazzjoni mid-detentur tal-liċenzja;

(b) tiġi fornuta mill-ġdid bl-approvazzjoni bil-mitkub tad-Direttur, kif meħtieġ:

Iżda d-Direttur jista' jirrifjuta l-awtorizzazzjoni jew ir-riforniment ta' kwalunkwe sustanza lid-detentur tal-liċenzja.

(5) Id-Direttur għandu jżomm rekord tat-tip u l-kwantità tas-sustanzi miżmuma minn kull detentur tal-liċenzja u r-rifjut ta' kwalunkwe sustanzi.

Ir-Reġistru ta' Annimali Perikoluży f' Żoos u rekords li għandhom jinżammu mid-detentur tal-liċenzja.

15. (1) Id-Direttur għandu jżomm rekord taż-żoos kollha liċenzjati, inkluż:

(a) id-dettalji u d-dettalji ta' kuntatt tad-detentur tal-liċenzja;

(b) l-indirizz sħiħ taż-żoo fejn qed jinżammu l-annimali;

(ċ) pjanta tas-sit bil-post eżatt ta' fejn jinżammu l-annimali indikati;

(d) pjanta uffiċjali tas-sit maħruġa mill-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet;

(e) in-numru u l-ispeċi ta' annimali fl-Iskeda awtorizzati li jinżammu mid-dententur tal-liċenzja;

(f) lista tal-persunal li jieħdu ħsieb il-kura tal-annimali u l-kuntratturi, li għandha tinkludi l-informazzjoni bażika tagħhom flimkien mal-kwalifiki u, jew it-taħriġ u, jew l-esperjenza tagħhom;

(g) id-dettalji u l-kwalifiki tal-kirurgu veterinarju taż-żoo:

Iżda d-Direttur fi kwalunkwe waqt, jista' jitlob mingħand id-detentur tal-liċenzja, kwalunkwe informazzjoni rilevanti jew dokument addizzjonali oħra, meqjusa bħala meħtieġa għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali li tappartjeni lill-persuni fiżiċi għandu jkun f'konformità mal-prinċipji tal-ipproċessar tad-data personali skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/679.

(2) Id-detentur tal-liċenzja għandu jżomm rekords relatati mal-annimali li jinżammu fiż-żoo, liema rekords għandhom jinkludu:

(a) l-ismijiet xjentifiċi u komuni tal-ispeċi tal-annimali;

(b) meta applikabbli, il-mezz irriversibli ta' identifikazzjoni tal-annimali hekk kif indikat fir-regolament 6(2);

(ċ) it-traċċabbiltà kompluta tal-oriġini tal-annimali, inklużi l-ismijiet sħaħ tal-persuni u, jew entitajiet, l-indirizz, id-dettalji ta' kuntatt u d-dettalji tal-konnessjoni tagħhom mal-annimal mit-twelid tal-annimal sal-aħħar sid qabel ma l-annimal ġie trasferit fiż-żoo;

(d) meta applikabbli, l-istorja medika u kirurġika tal-annimali, inkluż il-preskrizzjonijiet veterinarji relattivi għall-istess;

(e) ċensiment dettaljat tal-annimali aġġornat b'mod kostanti li għandu jinkludi:

(i) in-numru taż-żjieda ta' annimali mis-sorsi kollha għandhom jiġu aġġornati fi żmien sebat (7) ijiem;

(ii) in-numru ta' mwiet u l-età ta' meta miet l-annimal, li għandu jiġi aġġornat fi żmien sebat (7) ijiem mill-mewt ta' tali annimal;

(iii) in-numru ta' annimali li jitilqu miż-żoo permezz ta' bejgħ, self, jew ħarbiet li għandhom jiġu aġġornati fi żmien sebat (7) ijiem mill-bejgħ, self, jew ħarbiet;

(f) il-kawżi ta' kwalunkwe mewt ta' annimali tal-Iskeda;

(g) kwalunkwe dokument relatat mal-importazzjoni jew it-trasferiment tal-annimali.

(3) Id-detentur tal-liċenzja għandu jżomm rekord tas-sustanzi msemmija fir-regolament 14 li jintużaw fuq l-annimali inkluż:

(a) in-numru tal-lott tal-prodotti użati;

(b) il-kwantità tas-sustanza użata;

(ċ) il-ħin, il-post u r-raġuni għall-użu tas-sustanza:

Iżda dawn ir-rekords għandhom ikunu aċċessibbli fuq talba mid-Direttur.

(4) Id-detentur tal-liċenzja għandu jżomm rekord tal-għalf tal-annimali, u l-oriġini tiegħu skont il-linji gwida li jistgħu jiġu maħruġa mid-Direttur permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

(5) Kwalunkwe rekord msemmi f'dan ir-regolament għandu jkun aċċessibbli fi kwalunkwe waqt fuq talba mid-Direttur.

Spezzjonijiet.

16. (1) Għandhom isiru spezzjonijiet regolari minn tal-anqas darba (1) fis-sena mid-Direttur sabiex jivverifika li l-kundizzjonijiet tal-liċenzja qed jiġu segwiti:

Iżda d-Direttur jista' jwettaq spezzjoni fuq id-detentur tal-

liċenzja fi kwalunkwe waqt u fid-diskrezzjoni tiegħu.

(2) Qabel ma tinħareġ liċenzja għal żoo u qabel ma tiġi mġedda jew jiġu emendati l-kundizzjonijiet tal-liċenzja, għandha tiġi mwettqa spezzjoni mid-Direttur.

(3) Id-Direttur għandu jkollu l-awtorità li jidħol mingħajr preavviż fi kwalunkwe żoo liċenzjat, jew kwalunkwe sit fejn ikun hemm suspett li jkunu qed jinżammu annimali mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa.

(4) Is-setgħa tad-Direttur li jispezzjona testendi għal kwalunkwe magħlaq, tagħmir, sustanzi u rekords bil-għan li jaċċerta ż-żamma adegwata, is-saħħa u l-benesseri ta' kwalunkwe annimal kif ukoll l-amministrazzjoni tajba tas-sustanzi u t-tagħmir u l-konformità mal-istess u kwalunkwe regolamenti oħra applikabbli u l-kundizzjonijiet imposti fuq id-detentur tal-liċenzja:

Iżda d-Direttur għandu wkoll s-setgħa li jispezzjona kwalunkwe sit fejn ikun hemm suspett li l-annimali jkunu qed jinżammu mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa u li mhux liċenzjat skont dawn ir-regolamenti.

(5) Id-Direttur jista' jitlob l-assistenza tal-Pulizija fi kwalunkwe ħin qabel u, jew waqt l-ispezzjoni.

Avviż ta' infurzar.

17. (1) Id-Direttur għandu jinnotifika avviż ta' infurzar fuq kwalunkwe detentur tal-liċenzja jew persuna li tkun qiegħda topera sit bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti.

(2) Avviż ta' infurzar għandu jiġi notifikat lil kwalunkwe detentur tal-liċenzja jew il-persuna li tkun qiegħda topera sit bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti li:

(a) ma ssodisfatx il-kundizzjonijiet tal-liċenzja u, jew tkun qiegħda topera sit bħala żoo mingħajr il-liċenzja neċessarja skont dawn ir-regolamenti, skont il-każ;

(b) qiegħda iżżomm annimal b'mod mhux xieraq fir-rigward tas-sigurtà u l-benesseri tiegħu, u, jew is-sigurtà u l-benesseri tal-pubbliku ġenerali;

(ċ) qiegħda iżżomm annimal f'magħlaq li ma jissodisfax ir-rekwiżiti imposti fuq id-detentur tal-liċenzja permezz ta' dawn ir-regolamenti;

(d) xort' oħra kisret dawn ir-regolamenti, kwalunkwe liġijiet jew regolamenti oħra applikabbli jew kwalunkwe

kundizzjonijiet imposti fuqha:

Iżda f'każ li l-avviż ta' infurzar ma jkunx jista' jiġi nnotifikat għal kwalunkwe raġuni lid-detentur tal-liċenzja jew lill-persuna li tkun qiegħda topera sit bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti, tali avviż ta' infurzar għandu jitwaħħal f'post viżibbli għall-pubbliku fiż-żoo jew fis-sit li qed jiġi operat bħala żoo u li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti.

(3) Avviż ta' infurzar għandu jirrikjedi li d-detentur tal-liċenzja jew il-persuna li tkun qiegħda topera sit bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti, skont il-każ, li:

(a) tikkonforma ma' dawn ir-regolamenti jew kwalunkwe liġijiet jew regolamenti oħra fil-perjodu li jista' jiġi stipulat mid-Direttur;

(b) tikkonforma ma' kwalunkwe kundizzjoni imposta fuqha mid-Direttur, fil-perjodu li jista' jiġi stipulat mid-Direttur;

(ċ) twettaq dawk ix-xogħolijiet jew tieħu dawk il-passi li d-Direttur jista' jidhirlu li jkunu meħtieġa u xierqa sabiex tirrimedja jew tipprevjeni l-kontinwazzjoni jew ripetizzjoni ta' kwalunkwe ksur li miegħu jirrelata l-infurzar, fil-perjodu li jista' jiġi stipulat mid-Direttur, jew;

(d) tirrinunzja għall-awtorizzazzjoni tagħha bħala detentur tal-liċenzja skont dawn ir-regolamenti.

(4) Avviż ta' infruzar għandu:

(a) jiddikjara l-perjodu ta' żmien li fih id-detentur tal-liċenzja għandu jikkonforma mal-ordni li jinsab fih;

(b) jinforma lid-detentur tal-liċenzja jew il-persuna li tkun qiegħda topera sit bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti bid-dritt ta' appell taħt dawn ir-regolamenti:

Iżda l-perjodu ta' żmien li fih id-detentur tal-liċenzja jrid jikkonforma ruħhu mal-ordni fl-avviż ta' infurzar għandu jkun raġonevoli skont iċ-ċirkostanzi iżda fl-ebda każ ma għandu jeċċedi sena (1).

(5) Id-Direttur jista' fi kwalunkwe waqt:

(a) jirtira l-avviż ta' infurzar;

(b) jestendi l-perjodu ta' konformità ma' kwalunkwe rekwiżit li jinsab fl-avviż ta' infurzar;

(ċ) jimmodifika l-avviż ta' infurzar.

Għeluq ta' żoo.

18. (1) Jekk kwalunkwe mill-kundizzjonijiet tal-liċenzja ma tintlaħaqx, id-Direttur jista' jordna l-għeluq taż-żoo jew ta' parti minnu lill-pubbliku:

Iżda d-Direttur għandu jordna l-għeluq b'effett immedjat tas-sit li jkun qed jiġi operat bħala żoo u li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti.

(2) Mal-għeluq taż-żoo, jew parti minnu, jew mal-għeluq tas-sit li jkun qiegħed jiġi operat bħala żoo u li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti d-Direttur jista' jissekwestra minn fuq il-post l-annimali inkwistjoni, li jistgħu jiġu rilokati, lokalment jew barra mill-pajjiż bi spejjeż għad-detentur tal-liċenzja jew il-persuna li tkun qiegħda topera sit bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti, fil-perjodu li għandu jiġi speċifikat mid-Direttur.

(3) Fil-każ li żoo jew parti minnu jingħalaq jew mal-għeluq ta' sit li jkun qed jitħaddem bħala żoo mhux liċenzjat skont dawn ir-regolamenti, id-Direttur għandu jiżgura li l-annimali kkonċernati jiġu ttrattati jew rilokati, jew fejn meħtieġ id-Direttur jista' jagħmel kwalunkwe arranġamenti oħra, b'osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(4) L-ewtanasja tal-annimali hija permessa biss:

(a) meta hija konformi mal-prinċipji relatati mal-konservazzjoni u l-benesseri tal-ispeċi, u ma nstabet l-ebda alternattiva raġonevoli oħra għar-rilokazzjoni jew iż-żamma tal-annimali; jew

(b) sabiex tiġi żgurata s-sikurezza pubblika f'każ li din tkun kompromessa mill-annimali; jew

(ċ) fl-interess tas-saħħa u l-benesseri tal-annimali f'każ li jkun hemm potenzjal ta' tixrid ta' mard tal-annimali trażmissibbli.

(5) Kwalunkwe annimal perikoluż li jinsab f'żoo mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-Direttur mid-detentur tal-liċenzja, jista' jitqiegħed taħt l-awtorità tad-Direttur u, jew l-annimal jista' jiġi rilokat f'żoo jew post ieħor li jista' jkun ukoll barra mill-pajjiż għas-spejjeż tad-detentur tal-liċenzja:

Iżda kwalunkwe annimal perikoluż li jinsab mingħajr awtorizzazzjoni fuq sit li jkun qiegħed jiġi operat bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti għandu jitqiegħed taħt l-awtorità tad-Direttur u, jew l-annimal jista' jiġi rilokat f'żoo jew post ieħor li jista' jkun ukoll barra mill-pajjiż għas-spejjeż tal-persuna li tkun qiegħda topera sit bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti:

Iżda wkoll r-rilokazzjoni tal-annimal li jinsab ġo żoo mingħajr awtorizzażżjoni jew fuq sit li qiegħed jiġi operat bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti għandha titwettaq mid-detentur tal-liċenzja jew mill-persuna li tkun qiegħda topera sit bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti b'kollaborazzjoni mad-Direttur, li għandu jiżgura li l-annimal inkwistjoni jkun wasal b'mod sikur fid-destinazzjoni magħżula:

Iżda wkoll qabel ma sseħħ ir-rilokazzjoni tal-annimal skont dan ir-regolament, l-annimal xorta għandu jiġi ttrattat u indukrat mid-detentur tal-liċenzja jew mill-persuna li tkun qiegħda topera sit bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti.

(6) L-ispejjeż kollha b'rabta ma' dan ir-regolament għandhom jitħallsu unikament mid-detentur tal-liċenzja u, jew mill-persuna li tkun qiegħda topera sit bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti.

(7) Id-Direttur ma għandu jinżamm responsabbli għall-ebda kwistjoni matul il-konfiska, ir-rilokazzjoni, it-trasportazzjoni jew il-moviment tal-annimal imsemmi.

(8) Fl-interess tas-sigurtà tal-pubbliku u dik nazzjonali, kwalunkwe ħarba għandha tiġi rrappurtata immedjatament mid-detentur tal-liċenzja jew mill-persuna li tkun qiegħda topera sit bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti lill-awtoritajiet kompetenti:

Iżda kwalunkwe spejjeż li jsofri d-Direttur jew l-awtoritajiet kompetenti b'rabta mal-qbid tal-annimali maħruba jew rilaxxati, għandhom jitħallsu mid-detentur tal-liċenzja u, jew mill-persuna li tkun qiegħda topera sit bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti.

Dritt ta' appell.

19. (1) Id-deċiżjonijiet tad-Direttur skont dawn ir-regolamenti għandhom ikunu soġġetti għad-dritt ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit bl-artikolu 5(1) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

Kap. 490.

(2) Appell skont dan ir-regolament għandu jiġi intavolat fi

żmien għoxrin (20) ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni tad-Direttur:

Iżda d-deċiżjoni tad-Direttur għandha ssir applikabbli u infurzabbli immedjatament u għandha tibqa' applikabbli matul it-terminu tal-appell sas-sentenza finali tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u għandha tibqa' applikabbli sakemm ma tkunx inqalbet mit-Tribunal jew irtirata mid-Direttur.

(3) Id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fir-rigward tad-dritt ta' appell għandhom, *mutatis mutandis*, ikunu applikabbli għal dawn ir-regolamenti. Kap. 12.

20. Id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma għandhomx, taħt l-ebda ċirkostanza jiġu interpretati f'sens li jillimitaw, jissostitwixxu jew jeskludu l-applikabbiltà ta' kwalunkwe liġijiet jew regolamenti oħra, inklużi dawk relatati mal-kummerċ, il-moviment jew l-importazzjoni ta' annimali u ż-żamma ta' sustanzi jew armi. L-applikabbiltà ta' liġijiet oħra.

21. Id-Direttur jista', minn żmien għal żmien, jipprovdi għal kwalunkwe rekwiżiti addizzjonali fir-rigward taż-żamma ta' annimal f' żoo u, għandu jiddetermina l-għarfien tal-applikant jew tad-detentur tal-liċenzja dwar ir-rekwiziti tal-benesseri u s-sigurtà tal-annimal partikolari qabel tingħata l-awtorizzazzjoni lill-applikant jew lid-detentur tal-liċenzja sabiex ikun jista' jżomm kwalunkwe annimal. Rekwiżiti addizzjonali.

22. (1) Kwalunkwe persuna li tmur kontra jew taġixxi bi ksur ta' dawn ir-regolamenti għandha tkun ħatja ta' reat u għandha meta tinsab ħatja teħel il-pieni stabbiliti fl-Att. Reati u pieni.

(2) Meta d-Direttur ikollu raġuni valida sabiex jemmen li twettaq reat kontra dawn ir-regolamenti u li jkun xieraq li tiġi imposta piena amministrattiva skont l-artikolu 47 tal-Att, id-Direttur għandu jipproċedi skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu.

23. Ir-Regolamenti dwar iż-Żamma ta' Annimali Selvaġġi fi Stabilimenti Żooloġiċi huma b'dawn imħassra mingħajr preġudizzju għal kull ħaġa li saret jew li naqset milli ssir taħthom. Tħassir. L.S. 439.08.

24. Fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikolużi, it-tifsira "stabbiliment żooloġiku" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja: Emenda konsegwenzjali għar-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikolużi. L.S. 439.19.

" "żoo" tfisser l-istabbilimenti permanenti kollha fejn jinżammu annimali perikolużi, eżotiċi u, jew selvaġġi għall-wiri lill-pubbliku kemm jekk jitħallas jew ma jitħallasx id-dritt għad-dħul, bl-eċċezzjoni ta' pet shops.".

Emenda konsegwenzjali għar-Regolamenti dwar Pieni Amministrattivi fir-rigward ta' Reati mwettqa kontra l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali. L.S. 439.23.

25. L-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Pieni Amministrattivi fir-rigward ta' Reati mwettqa kontra l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-kliem "Stabbilimenti Żoologiċi u ż-żamma ta' annimali perikoluż i" li jinsabu fil-kolonna "Kategorija" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Żoos u ż-żamma ta' annimali perikoluż i";

(b) il-kliem "L.S. 439.08", kull fejn jokkorru fil-kolonna "Artikolu jew Regolament" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "L.S. 439.29.";

(ċ) il-kliem "Persuna topera mingħajr liċenza għal stabbiliment żoologiku" li jinsabu fil-kolonna "Reat: Att jew Ommissjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Persuna li timmaniġġja, torganizza, twaqqaf jew topera żoo mingħajr liċenzja";

(d) il-kliem "Iż-żamma mhux awtorizzata ta' annimali f'sit reġistrat jew stabbiliment żoologiku liċenzjat." li jinsabu fil-kolonna "Reat: Att jew Ommissjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Iż-żamma jew l-introduzzjoni ta' annimali perikoluż i mingħajr l-approvazzjoni tad-Direttur f'sit reġistrat jew żoo liċenzjat." segwiti minnufih bil-kliem "Iż-żamma jew l-introduzzjoni ta' annimali perikoluż i mingħajr l-approvazzjoni tad-Direttur f'sit li qiegħed jitħaddem bħala żoo mhux liċenzjat.".

Jissostitwixxi l-Iskeda B li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikoluż i. L.S. 439.19.

26. L-Iskeda B li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikoluż i għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Skeda
Lista ta' Annimali Perkoluż

Isem xjentifiku	Isem jew ismijiet komuni
MAMMIFERI	
Marsupjali	
Familja *Dasyuridae*: L-ispeċi *Sarcophilus laniarius*.	Tasmanian devil.
Familja *Macropodidae*: L-ispeċi *Macropus fuliginosus*, *Macropus giganteus*, *Macropus robustus* u *Macropus rufus*.	Il-kangarù griż tal-Punent u tal-Lvant, il-wallarù u il-kangarù l-aħmar.
Primati	
Isem xjentifiku	Isem jew ismijiet komuni
Familja *Cebidae*: L-ispeċi kollha, minbarra dawk tal-ġeneru *Aotus*, *Callicebus* u *Saimiri*.	Xadini tad-Dinja l-Ġdida (jinkludu ix-xadini ċebi, miċete, saki, wakari, atele u muswaf). Xadini notturni (magħrufa ukoll bħala xadina-kokka), titi u xadini daharhom aħmar huma eżenti.
Familja *Cercopithecidae*: L-ispeċi kollha.	Xadini tad-Dinja l-Qadima (jinkludu babun, drill, xadini kolobu, gelada, guenons, languri, langur li jiekol il-weraq, makakki, murill, mangabeys, patas, proboscis u t-talapojn).
Familja *Hominidae*: L-ispeċi kollha, ħlief dawk tal-ġeneru *Homo*.	Xadini antropojd; ximpanzi, bonobo, orangutans u gorilli.
Familja *Hylobatidae*: L-ispeċi kollha.	Gibbuni u Siamangs.
Familja *Indriidae*: L-ispeċi kollha tal-ġeneru *Propithecus* u *Indri* (*Avahi lanigeris* huma eżenti).	Leaping lemurs (li jinkludu indri u sifaki). Il-lemur muswafa huwa eżentat.
Familja *Lemuridae*: L-ispeċi kollha, eżentati dawk tal-ġeneru *Hapalemur.*	Lemuri kbar. Lemur tal-bambù jew lemur ġentili huma eżentati.
Edentates	
Familja *Dasypodidae*: L-ispeċi *Priodontes maximus*.	Armadillo ġgant.

Familja *Myrmecophagidae*: L-ispeċi *Myrmecophaga tridactyla*.	Wikkiel in-nemel ġġant
Karnivori	
Isem xjentifiku	Isem jew ismijiet komuni
Familja *Canidae*: L-ispeċi kollha, ħlief dawk tal-ġeneru *Alopex*, *Cerdocyon*, *Dusicyon*, *Otocyon*, *Pseudolopex*, *Urocyon*, *Vulpes* u *Nyctereutes*. L-ispeċi *Canis familiaris* u *Canis lupus familiaris,* minbarra s-sottospeċi *canis familiaris dingo* huma wkoll eżentati.	L-ispeċi kollha, inklużi klieb selvaġġi, lupi, ġakall, lupu tal-krinjiera, kelb tal-buxx, dhole, volpijiet, kelb-rakkun, dingo. Il-kelb domestiku huwa eżentat.

Familja *Felidae*: Kollha minbarra: (a) l-ispeċi *Felis silvestris*, *Otocolobus manul*, *Leopardus tigrinus*, *Oncifelis geoffroyi*, *Oncifelis guigna*, *Catopuma badia*, *Felis margarita*, *Felis nigripes*, *Prionailurus rubiginosus* u *Felis silvestris catus*; (b) l-ispeċi ibrida li hija mnissla esklussivament minn kwalunkwe speċi waħda jew aktar minn speċi waħda msemmija fil-paragrafu (a); (ċ) ibrida fejn: (i) wieħed mill-ġenituri hu *Felis silvestris catus*, u (ii) l-ġenitur l-ieħor huwa ibridu tal-ewwel ġenerazzjoni ta' *Felis silvestris catus* u kwalunkwe qattus mhux imniżżel fil-paragrafu (a); (d) kwalunkwe qattus li huwa mnissel esklussivament minn kwalunkwe ibridu wieħed jew aktar li jinsabu fil-paragrafu (ċ) (wieħed għandu jinjora, għall-finijiet li jidetterminaw l-esklussività tan-nisel, il-ġenituri u l-antenati aktar remoti ta' kwalunkwe ibridu msemmi fil-paragrafu (ċ)); (e) kwalunkwe qattus mnissel esklussivament minn *Felis silvestris catus* u kwalunkwe ibridu wieħed jew aktar li jinsab fil-paragrafu (ċ) (wieħed għandu jinjora, għall-finijiet sabiex tiġi determinata l-esklussività tan-nisel, il-ġenituri u l-antenati aktar remoti ta' kwalunkwe ibridu msemmi fil-paragrafu (ċ)).	Il-qtates kollha inkluż bobcat, karakall, ċita, ġagwar, leopard, iljun, linċi, oselot, puma, savannah, serval u tigra. Li ġejjin huma eżentati: (i) qattus selvaġġ, pallas cat, qattus żgħir ittikkjat, qattus ta' Geoffroy, kodkod, bay cat, qattus tar-ramel, qattus ta' saqajh suwed, rusty-spotted cat u l-qattus domestiku; (ii) qattus ibridu li huwa mnissel esklussivament minn wieħed jew aktar minn kwalunkwe speċi msemmija fil-paragrafu (a); (iii) qattus ibridu li għandu ġenitur wieħed qattus domestiku u l-ġenitur l-ieħor ibridu tal-ewwel ġenerazzjoni ta' qattus domestiku u kwalunkwe qattus li m'huwiex elenkat fil-paragrafu (a); (iv) kwalunkwe qattus li tnissel b'mod esklussiv minn kwalunkwe ibridu wieħed jew aktar li jinsab fil-paragrafu (ċ); (v) kwalunkwe qattus li tnissel b'mod esklussiv minn qattus domestiku u minn kwalunkwe speci waħda ibrida jew aktar li tinsab fil-paragrafu (ċ).
Familja *Hyaenidae*: Kollha minbarra l-ispeċi *Proteles cristatus*.	Jeni. Il-proteli huwa eżentat.
Isem xjentifiku	Isem jew ismijiet komuni

B 1360

Familja *Mustelidae*: L-ispeċi kollha tal-ġenera *Amblonyx*, *Arctonyx*, *Aonyx*, *Enhydra*, *Lontra*, *Melogale*, *Mydaus*, *Pteronura* u *Taxidea*. Il-ġeneru *Lutra* minbarra l-ispeċi *Lutra lutra*. L-ispeċi *Eira barbara*, *Gulo gulo*, *Martes pennanti* u *Mellivora capensis*.	Baġers (għajr baġer Ewrasjatiku), lontri (għajr il-lontri Ewropew) u tayra, wolverine, fixer u ratel (jew magħruf ukoll bħala l-baġer tal-għasel).
Familja *Ursidae*: L-ispeċi kollha inkluż l-ispeċi *Ailuropoda melanoleuca* u *Ailurus fulgens*.	L-orsijiet kollha inkluż panda ġgant u panda l-ħamra.
Familja *Viverridae*: Il-ġeneru *Civettictis* kollu. Il-ġeneru *Viverra* kollu. L-ispeċi *Cryptoprocta ferox*.	Żibett kbir ittikkjat, Żibett tal-Afrika, tal-Malay, tal-Indja u Fossa.
Pinnipedes	
Familja *Odobenidae*: L-ispeċi kollha.	Walrus.
Familja *Otariidae*: L-ispeċi kollha.	Foka bil-widnejn.
Familja *Phocidae*: L-ispeċi kollha minbarra *Phoca vitulina* u *Halichoerus grypus*.	True seal jew foka mingħajr widnejn. Il-foka komuni (jew il-foka tal-port) u l-foka ġriża huma eżentati.
Iljunfanti	
Familja *Elephantidae*: L-ispeċi kollha.	Iljunfanti.
Oritteropu	
Familja *Orycteropodidae*: L-ispeċi *Orycteropus afer.*	Oritteropu.
Odd-toed ungulates	
Familja *Rhinocerotidae*: L-ispeċi kollha.	Rinoċeronti.
Familja *Tapiridae*: L-ispeċi kollha.	Tapiri.
Isem xjentifiku	Isem jew ismijiet komuni
Even-toed ungulates	

Familja *Antilocapridae*: L-ispeċi *Antilocapra americana*.	Antilop mogħża muqran.
Familja *Bovidae*: L-ispeċi kollha minbarra kwalunkwe forma domestika tal-ġeneru *Bos*, *Bubalus*, *Capra* u *Ovis*.	Antilop, bison, buflu, għażżiela, mogħoż u ngħaġ. L-ispeċi domestiċi ta' bovini, buflu, ovini u l-kaprini huma eżentati.
Familja *Cervidae*: L-ispeċi kollha tal-ġenera *Alces* u *Rangifer*, minbarra kwalunkwe forma domestika ta' dawn l-ispeċi.	Moose jew elk u karibù jew renni. Moose jew elk domestiċi u karibù jew renni huma eżentati.
Familja *Giraffidae*: L-ispeċi kollha.	Ġiraffa u okapi.
Familja *Hippopotamidae*: L-ispeċi kollha.	Ippopotamu u ippopotamu nanu.
Familja *Suidae*: L-ispeċi kollha minbarra kwalunkwe forma domestika tal-ispeċi *Sus scrofa*.	Ħnieżer tad-Dinja l-Qadima (inkluż ħanżir selvaġġ u wart hog). Ħanżir domestiku huwa eżentat.
Familja *Tayassuidae*: L-ispeċi kollha.	Ħnieżer tad-Dinja l-Ġdida (jew magħrufa wkoll bħala pekari).
Ibridi	
Kwalunkwe ibridu ta' speċi ta' annimal speċifikat (jekk mhux b'eċċezzjoni) fid-dispożizzjonijiet msemmija hawn qabel f'din il-kolonna fejn tal-inqas ġenitur wieħed huwa tat-tip hekk speċifikat, u kwalunkwe annimal fejn tal-inqas ġenitur wieħed huwa tali ibridu. Din ma tinkudix ibridi eżentati tal-Familja *Felidae*.	Kwalunkwe mammiferu ibridu li tal-inqas għandu ġenitur wieħed tat-tip speċifikat, u kwalunkwe annimal fejn tal-inqas ġenitur wieħed huwa tali ibridu. Din ma tapplikax għal qtates ibridi li huma eżentati.
<u>RETTILI</u>	
Crocodilians	
Familja *Alligatoridae*: L-ispeċi kollha.	Alligaturi u kajmani.
Familja *Crocodylidae*: L-ispeċi kollha.	Kukkudrilli u garjal falz.
Isem xjentifiku	Isem jew ismijiet komuni
Familja *Gavialidae*: L-ispeċi kollha.	Il-garjal (jew magħruf ukoll bħala gavjal).
Gremxul u sriep	

Familja *Atractaspididae*: L-ispeċi kollha tal-ġenera *Atractaspis*.	Asp li jgħix f' ħofra, magħrufa ukoll bħala mole jew lifgħa li tgħix f' ħofra u sriep stiletto.
Family *Colubridae*: L-ispeċi kollha tal-ġenera *Malpolon* u *Thelotornis*. L-ispeċi *Dispholidus typus*, *Rhabdophis subminiatus*, *Rhabdophis tigrinus*, *Elapomorphus lemniscatus*, *Philodryas olfersii*, *Tachymenis peruviana* u *Xenodon severus*.	Ċerti sriep velenużi bin-nejbiet fuq wara, sriep Montpellier u sriep tad-dwieli Afrikan (magħrufa wkoll bħala serp tal-friegħi Afrikan jew għasfur-serp). Boomslang, keelback ta' għonqu aħmar, yamakagashi (magħruf ukoll bħala s-serp tigra Ġappuniż), serp Arġentinjan ta' rasu sewda, green racer tal-Amerka t' Isfel, ir-racer Peruvjan u l-lifgħa falza tal-Amażonja.
Familja *Elapidae*: L-ispeċi kollha.	Ċerti sriep velenużi bin-nejbiet fuq quddiem inkluż kobra, sriep koralli, krejts, mambas, sriep frosta u s-sriep kollha Awstraljani li huma velenużi (inkluż l-adder tal-mewt).
Familja *Hydrophiidae*: L-ispeċi kollha.	Sriep tal-baħar.
Familja *Helodermatidae*: L-ispeċi kollha.	Mostru ta' Gila u gremxul taż-żibeġ Messikani.
Familja *Viperidae*: L-ispeċi kollha.	Ċerti sriep velenużi bin-nejbiet fuq quddiem (inklużi adders, barba amarilla, buxxmaster, fer-de-lance, mokassini, sriep ċekċieka u lifgħat).
<u>INVERTIBRATI</u>	
Brimb	
Familja *Ctenidae*: Il-ġeneru *Phoneutria*.	Brimb wandering, u speċi oħra li jistgħu jikkawżaw ħsara fiżika lill-bniedem u, jew lill-eko-sistema.
Familja *Hexathelidae*: Il-ġeneru *Atrax*.	Brimb Sydney funnel-web u brimb oħra relatati mill-qrib, u speċi oħra li jistgħu jikkawżaw ħsara fiżika lill-bniedem u, jew lill-eko-sistema.
Familja *Sicariidae*: Il-ġeneru *Loxosceles*.	Brimba kannella solitarja (jew magħrufa ukoll bħala brimb vjolin), u speċi oħra li jistgħu jikkawżaw ħsara fiżika lill-bniedem u, jew lill-eko-sistema.
Isem xjentifiku	Isem jew ismijiet komuni
Familja *Theridiidae*: Il-ġeneru *Latrodectus*.	Brimba-armla u brimb ieħor relatati mill-qrib, u speċi oħra li jistgħu jikkawżaw ħsara fiżika lill-bniedem u, jew lill-eko-sistema.

Skorpjuni	
Familja *Buthidae*: L-ispeċi kollha.	Skorpjuni butid u speċi oħra li jistgħu jikkawżaw ħsara fiżika lill-bniedem u, jew lill-eko-sistema.
Familja *Hemioscorpiidae*: L-ispeċi *Hemiscorpius lepturus*.	Skorpjun ta' denbu rqiq tal-Lvant Nofsani u speċi oħra li jistgħu jikkawżaw ħsara fiżika lill-bniedem u, jew lill-eko-sistema.